

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-8 ta' Lulju 2015 – DP vs ACER

(Kawża F-34/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali tal-ACER — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà ta' rikors — Eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 6 (2) tad-DĠE tal-ACER dwar l-Artikolu 85(1) tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg — Rikors għad-danni — Preavviż — Dannu morali — Kumpens)

(2015/C 270/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: DP (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (rappreżentanti: P. Martinet u S. Vaona, aġenti, D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent bħala membru tal-persunal bil-kuntratt u talba għad-danni subiti.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) *Id-deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2013 li permezz tagħha d-Direttur tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija rriġfuta li jġedded il-kuntratt ta' DP hija annullata.*
- 2) *L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija hija kkundannata tħallas lil DP is-somma ta' EUR 7 000.*
- 3) *L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija hija kkundannata tħallas l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk ta' DP.*

⁽¹⁾ ĠU C 184, 16.06.2014, p. 46.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-7 ta' Lulju 2015 – WR (*) vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-53/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Remunerazzjoni — Allowances tal-familja — Allowance għal wild dipendenti — Artikolu 2(4) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Persuna assimilata ma' wild dipendenti — Persuna li fil-konfront tagħha l-uffiċjal għandu obbligi legali ta' manteniment u li l-manteniment tagħha jinvolvi spejjeż kbar — Kundizzjonijiet għall-għoti — Irtirar tal-benefiċċju tal-allowance — Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament skont l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal)

(2015/C 270/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: WR (*) (rappreżentant: V. Simeons, avukat)

^(*) Informazzjoni mħassra fil-qafas tal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.